# V.DA KONFRATERNITÀ

# TAL-B.V.M TAL-KARMELU

## A.D. 1801



23 ta' Marzu, 2011

Għeżież Fratelli,

Ninsabu fiż-żmien tar-Randan li matulu il-fratellanza tagħna tieħu sehem f'dawn il-purċissjonijiet:

1. **il-Ħadd, 10 ta' April: Festa tar-Redentur fir-residenza ta' l-anzjani 'St Vincent de Paule'**. Fid-**9.00 a.m.** tibda l-quddiesa u wara jkun hemm purċissjoni. Niltaqgħu ħdejn il-kappella li qiegħda fil-blokk 'Rużar Briffa'.
2. **il-Ġimgħa, 15 ta' April: Festa tal-Madonna tad-Duluri**. Il-purċissjoni tibda ħierġa għall-ħabta tas-**6.00 p.m.**
3. **il-Ħadd, 17 ta' April: Ħadd il-Palm**. Fid-**9.15 a.m.** issir il-funzjoni tat-tberik tal-palm u ż-żebbuġ. Wara jkun hemm purċissjoni qasira.

Nhar l-**Erbgħa, 27 ta' April**, nagħtu bidu għas-Seba' Erbgħat tal-Madonna tal-Karmnu. Fis-**6.00 p.m.** jingħad ir-Rużarju u wara toħroġ il-quddiesa li matulha Patri Mario Borg OCD ikellimna dwar il-virtujiet ta' Marija Santissma. Wara jkun hemm Ċelebrazzjoni Marjana fuq l-artal tal-Madonna u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali.

Nhar il-**Ħadd, 8 ta' Mejju**, niċċelebraw il-festa tal-Patrijarka San Ġużepp. Fis-**6.00 p.m.** jkun hemm quddiesa kantata u wara toħroġ il-purċissjoni.

Infakkarkom li din is-sena l-professjoni ta' fratelli ġodda se ssir nhar it-**Tlieta, 19 ta' Lulju**. Infakkar lil dawk li bi ħsiebhom jipprofessaw biex javviċinaw lil xi membru tal-Kumitat tal-Fratellanza sal-**31 ta' Mejju** peress li matul Ġunju se jsiru laqgħat ta' formazzjoni. Min ma jattendix għal dawn il-laqgħat ma jkunx jista' jipprofessa. Barra minn hekk, kull min għandu bżonn ta' kunfratija u muzzetta ġodda għandu jikkuntattja lil xi membru tal-kumitat mill-aktar fis possibbli.

Nagħlaq billi, f'isem il-kumitat kollu, nawgura lilkom u lill-familja tagħkom: l-**GĦID it-TAJJEB!**

**Joseph Buhagiar**
**Segretarju**